MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Numru. 833/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**v**

**CYNTHIA SULTANA**

**Seduta ta' llum 28 ta' Gunju 2007**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **CYNTHIA SULTANA** bint Carmelo u Maria Assunta nee Formosa, imwielda nhar d-dsatax ta' Lulju 1977 u residenti 16, Pink Floyd, Triq il-Madonna tal-Virtu, Gharb, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 20677G gietmressqa quddiemha w akkuzata talli fit-tnejn ta' Settembru 2006 ghall-habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija waqt li kienet fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex,

saqet vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAE 704 tal-ghamla Izuzu Gemini bajda b'manjiera traskurata u perikoluza u dan bi ksur tal-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta' PS 369 Joseph Mizzi u l-okkorrenza relattiva.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Joe Louis Caruana u lil Jake Caruana kif wkoll lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju u l-provi tad-difiza Godwin Cassar u PS 369 Joseph Mizzi.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta dubbju dwar dak li effettivament gara dakinhar tal-allegat rapport. Dan ghaliex filwaqt li Michael Caruana jghid li l-imputata saqet ghal fuq ibnu Jake Caruana wara li kien hareg mis-supermarket maghruf bl-isem Tas Sajf gewwa l-Gharb, l-imputata qed tghid li dak ma hu minnu xejn ghaliex fil-fatt hija lanqas biss ghadha tixtri minn dak l-hanut u li ghalhekk r-rapport ta' Michael Caruana hu nveritier.

Illi fix-xhieda tal-prosekuzzjoni hemm numru ta' divergenzi u dan ghaliex filwaqt li Michael Caruana jghid li l-imputata qabdet u saqet ghal fuq Jake Caruana bi speed eccessiv u baqghet sejra, il-minuri jghid li meta hareg mill-hanut ra lil imputata pparkjata, semghha tirriversja l-magna, tohrog mill-parking fejn kienet ipparkjata w issuq ma gembu f'distanza ta' metru u baqghet sejra u dan kollu waqt li hu qed jaqsam t-triq.

Illi l-imputata b'mod semplici tghid li ma hu veru xejn li hija kienet hemm dakinhar.

Fid-dawl tas-suespost, **il-Qorti ghalhekk tiddikjara li ma ssibx lil imputata CYNTHIA SULTANA hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tilliberaha minn kull akkuza**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------